A.L. 72 ta' l-1980

ATT TA' L-1980 DWAR IL-KONTROLL TAL-PREZZJIJIET TAL-BINI

(ATT NRU. XXVI TA' L-1980)

Regolamenti ta' l-1980 dwar il-Kontroll tal-Prezzijiet tal-Bini (Xogħol ta' Kondos u Ġebel)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 ta' l-Att ta' l-1980 dwar il-Kontroll tal-Prezzijiet tal-Bini, il-Ministru tax-Xogħlijiet u Sport għamel dawn ir-regolamenti:—

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1980 dwar il-Kontroll tal-Prezzijiet tal-Bini (Xogħol ta' Konkos u Ġebel). Titolu.

2. Il-prezzijiet speċifikati fl-ewwel kolonna ta' l-Iskeda ta' dawn ir-regolamenti huma dawk iffissati fit-tieni kolonna tagħha. Iffissar ta' prezzijiet għal ċertu xogħlijiet.

SKEDA

Regolament 2

L-Ewwel Kolonna	It-Tieni Kolonna
1. **Xogħol tal-Konkos:**	
Soqfa tal-konkos ta' ħxuna ta' 0.15 m b'taħlita ta' 1:2:4 (Grad 20) li jinkludu saff wieħed ta' xibka Nru. 106 bħala reinforz, u l-armar kollu meħtieġ	£5.90,0 kull m^2
2. **Xogħol ta' Ġebel tal-Franka:**	
(a) **Ħitan tal-Kantun tas-Singlu** — Ħitan tal-franka tal-kantun tas-singlu mqiegħda bit-tajn tax-xaħx, ta' ħxuna minn 0.15 m sa 0.23 m minġurin minn żewġ uċuħ u maqtugħin għal għoli ta' daqs wieħed	£4.00,0 kull m^2
(b) **Ħitan tal-Kantun tad-Dobblu** — Ħitan tal-franka tad-dobblu ta' ħxuna minn 0.375 m sa 0.6 m, imqegħdin bit-tajn tax-xaħx, magħmulin minn qoxra fuq barra u oħra fuq ġewwa ta' ħxuna ta' mhux anqas minn 0.15 m, inkatinati flimkien, u minġurin fuq iż-żewġ uċuh ta' barra u maqtugħin għal għoli ta' daqs wieħed	£7.50,0 kull m^2
(ċ) **Pedamenti tal-Ġebel** —	
(i) għal ħitan tal-kantun tas-singlu	£3.60,0 kull m^2
(ii) għal ħitan tal-kantun tad-dobblu	£6.75,0 kull m^2

Noti:

(1) Il-prezzijiet fuq imsemmija japplikaw għal bini ta' għoli sa żewġ sulari u jinkludu t-tromba tat-tarag għal bejt, l-opramorta, ventilaturi u rżalt lixx, iżda ma

jinkludux xogħol ornamentali bħal gwarniċi u rżalt bil-lavur, ċmusa u sollijiet bil-lavur, saljaturi, ħnejjiet u balavostri.

Għal xogħlijiet f'livell aktar għoli mill-ewwel sular, ir-rati ta' hawn fuq għandhom jiżdiedu bir-rati li ġejjin:

f'livell tat-tieni sular	10 %
f'livell tat-tielet sular	15 %
f'livell tar-raba' u l-ħames sular	17½%

(2) L-aperturi kollha ta' wisgħa li ma teċċedix il-1.2 m ma għandhomx jitnaqqsu mill-kejl. L-ebda ħlas ma għandu jsir għall-blajjet, il-koxox u x-xwieki tagħhom.

(3) Għal aperturi usa minn 1.2 m u li għandhom blajjet, koxox u xwieki, dak il-wisa' biss li jeċċedi l-1.2m għandu jitnaqqas mill-kejl. Ħlas isir biss għal blata fejn teċċedi l-1.2 m.